**KUNSILL LOKALI LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

# MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NR 19 – L-ERBGHA 17 TA' NOVEMBRU 2010

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu f'Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fil-5.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr. Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Sur Jeremy Anthony Dalli | Kunsillier |
| | Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr. Marc Sant | Kunsillier |
| | Sur Alfred Buhagiar | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti inqraw u wara li kienu approvati gew iffirmati mis-Sindku u S-Segretarju Eżekuttiv. Proposti mis-Sinjura Magda Magri Naudi, sekondant is-Sinjorina Lorraine Farrugia.

1.2 Lista ta' pagamenti annessa gew approvati fuq proposta tas-Sinjura Magda Magri Naudi sekondata mis-Sinjorina Lorraine Farrugia.

## 2. PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP – TOROQ

2.1 Is-Sindku, Dr. Ian Castadli Paris, informa lill-Kunsill dwar landament tax-xogholijiet tal-progett PPP TOROQ. Huwa qal li l-kuntrattur, Polidano Brothers, kien lesta x-xoghol fi Triq Robert Mifsud Bonnici u nbeda ix-xoghol fi Vjal Trasfigurazzjoni.

2.2 Il-Perit John Rizzo Naudi, li kien prezenti waqt il-laqgha, ghamel spjegazzjoni dwar landament tax-xoghol u wiegeb d-domandi li ghamlu l-Kunsilliera fir-rigward ta' dawn ix-xogholijiet.

2.3 Is-Segretarju Esekuttiv insista mal-Perit John Rizzo Naudi sabiex jiehu hsieb jivverivika l-kontijiet mahruga mill-kuntrattur biex dawn jirriflettu l-kontijiet finali tax-xogholijiet li jkunu saru fuq iz-zewg toroq. Dawn il-figuri, finali, huma mehtiega biex jitfassal il-programm tax-xoghol li ghad irid jitwettaq fi Triq Annibale Preca biex ikun assigurat li l-ispiza finali ma tkunx aktar minn dik awtorizzata fil-ftehim PPP – Toroq.

## 3. DEVOLUZZJONI TAL-BELVEDERE

3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv, Is-Sur Alfred Buhagiar, fakkar lill-Kunsill dwar il-laqgha tal-Board tad-DCC li nzammet nhar id-19 t'Ottubru 2010.

3.2 Ghalkemm waqt din il-laqgha il-Board kien irrakomanda biex jinhargu l-permessi mehtiega biex isir ix-xoghol ta' restawr u biex l-ammont ta' depositu jitnaqqas, il-Kunsill ghad m'ghandux risposta.

3.3 Il-Kunsill ser ikompli jinsisti mal-MEPA sabiex jinghata risposta ufficjali ghat-talba tieghu halli jitkompla l-process ta' Devoluzzjoni tal-Belvedere mad-Dipartimenti koncernati.

## 4. PREMJU GIEH L-ARTIGJANAT MALTI

4.1 Il-Vici-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, ikkonfermat li kienet giet ipprezentata l-applikazzjoni fuq proposta tal-Kunsill Lokali ta' Hal Lija, biex ix-xoghol pirotekniku li taghmel l-ghaqda San Mikiel ta' Hal Lija, jinghata Gieh l-Artigjanat Malti.

## 5. BRING IN SITE

5.1 Il-Kunsiliera tkellmu dwar petizjoni ffirmata mir-residenti fi Triq Robert Mifsud Bonnici li joqghodu quddiem il-Bring In Site li hemm f'din it-Triq.

5.2 Dawn ir-residenti kienu qed jinsistu biex dawn il-'bins' jitnehhew darba ghal dejjem ghar-raguni li dan is-sit kien qed jsir 'dumping site' ghad-detriment tan-nies li ghandhom id-djar taghhom f'din it-Triq. Huma qalu wkoll li din il-Bring In Site qed isservi aktar l-esigenza tan-nies li joqghodu barra l-lokalita ghar-raguni li minn din it-triq jghaddu hafna karozzi li jkunu gejjin mill-irhula tal-madwar u li juzaw din it-Triq bhala 'bypass' tat-traffiku.

5.3 Il-Kunsilliera qablu li din il-'Bring In Site' ghandha titnehha u titpogga fl-inhawi Ta' Senna. Dan ghandu jsir wara li jkun assigurat li l-problema ma tkunx qed titnehha minn post u titpogga f'post iehor ghad-detriment ta' residenti ohra.

## 6. LIJA ATHLETICS - ATTIVITA SPORTIVA

6.1 Il-Kunsillier, Dr Marc Sant, ressaq quddiem il-Kunsill suggeriment ta' ftehim bejn il-Kunsill u Lija Athletics Football Club fejn dawn il-partijiet jaqblu u jiftehmu li jirregolaw l-uzu tal-'football pitch' illi ser jigi installat fil-'ground' gdid fejn l-iskola Annibale Preca.

6.2 Dan il-ftehim isemmi wkoll li l-Kunsill ghandu jghaddi sommom ta' flus kull sena sabiex tinzamm manutenzjoni biex jitmexxa dan il-'football pitch'.

6.3 Il-Kunsilliera unanimament qablu biex dan is-suggeriment jerga' jkun diskuss meta il-Kunsill jkun qed jipprepara l-'budget' ghas-sena li jmiss ghar-raguni li dan il-ftehim, jekk jigi approvat, il-fondi mehtiega jinhargu skond l-allokazzjoni li jkun hemm fil-'budget' tal-Kunsill.

6.4 Is-Segretarju Ezekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, gibed l-attenzjoni dwar l-ittra tal-kuntrattur, V&c Contractors Ltd., fejn dawn kienu qed jinsistu li l-Kunsill ghad ghandu jhallas parti mill-kontijiet ta' meta nbena l-'mini pitch' fl-iskola Annibale Preca.

6.5 Skond il-ftehim iffirmat bejn il-Kunsill u Lija Athletics, li kien indirizzat lill-V&C Ltd., il-Kunsill m'ghandux kontijiet pendenti.

## 7. PA 00304/10 ROCCO'S BAR

7.1. IL-Kunsill qabel unanimament biex jiehu azzjoni necessarja biex jinsisti mal-MEPA sabiex it-talba biex tkun estiza l-bankina quddiem Rocco's Bar, fi Triq il-Forn, ma tkunx approvata.

7.2. Ir-raguni dwar din id-decizjoni hija li fil-qalba tar-rahal ta' Hal Lija mhux possibli li jsir dan l-izvillup li jista' jikkawza problemi tat-traffiku u jista' jkun ta' periklu ghar-residenti.

7.3. Din it-talba kienet diga giet irrifjutata mill-Kunsill fil-laqgha li kienet inzammet *fis-27 ta' Jannar 2010.*

## 8. ATTIVITAJIET TAL-KUNSILL

### a. Tqassim ta' Rigali – Father Christmas

Il-Kunsill approva biex tinzamm l-attivita tat-tqassim tar-rigali lit-tfal fil-Lokalita ta' Hal Lija minn persuna li tilbes ta' 'Father Christmas' u ddur mar-rahal permezz ta' karozzella migbuda miz-zwiemel.

Il-genituri ghandhom jigu nfurmati permezz ta' cirkulari biex igibu r-rigali fl-ufficcju tal-Kunsill sabiex dawn jitqassmu lit-tfal fil-gurnata stabbilita.

### b. Presepju Haj

Il-Kunsill unanimament approva biex flimkien mal-Kazin Sant' Andrija jerga' jzomm l-attivita Presepju Haj li tinzamm kull sena fl-istess Triq.

Il-Kunsill approva wkoll l-ispejjez tad-dwal u l-hlas ta warden waqt din l-attivita.

### c. Harga Kulturali

Fuq proposta tal-Vici-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, il-Kunsill approva biex tinzamm harga kulturali li permezz taghha residenti minn Hal Lija jzuru *San Niklaw*, gewwa z-Zejtun.

## 9. LAQGHA

9.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-7.30p.m.

Il-Laqgħa li jmiss ser tinżamm nhar l-Erbgha 15 ta' Dicembru 2010 fl-5.00p.m..

| | |
|---|---|
| Dr. Ian Castaldi Paris | Sur Alfred Buhagiar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |